Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2410

26.11.2025

**REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2410**

**tal-24 ta’ Novembru 2025**

**li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta’ konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (“Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali”) ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 230(1) u l-Artikolu 232(1), il-punt (b), u l-Artikolu 232(3), il-punt (b), tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji terzi jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk il-pajjiżi terzi jew it-territorji terzi kkonċernati jkunu elenkati f’konformità mal-Artikolu 230(1) ta’ dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta’ ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, territorji, jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom biex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta’ dak ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni.

(4) B’mod iktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta’ konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) Il-Kanada nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tliet tifqigħat ġdida tal-influwenza avjarja b’patoġeniċità għolja (HPAI, highly pathogenic avian influenza) fil-pollam fil-provinċji ta’ British Columbia u Saskatchewan, li ġew ikkonfermati bejn is-6 ta’ Novembru 2025 u t-12 ta’ Novembru 2025 permezz ta’ analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar disa’ tifqigħat ġodda tal-HPAI fil-pollam fil-kontej ta’ Norfolk, South Yorkshire, Suffolk, u Worcestershire, fl-Ingilterra, fil-konteja ta’ South Lanarkshire, fl-Iskozja, u fil-kontej ta’ Pembrokeshire u Powys, f’Wales, li ġew ikkonfermati bejn it-8 ta’ Novembru 2025 u d-19 ta’ Novembru 2025 permezz ta’ analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta’ Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta’ konsenji ta’ ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta’ Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta’ pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta’ annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f’konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(7) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar 23-il tifqigħa ġdida tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' Indiana, Michigan, North Dakota u Washington, li ġew ikkonfermati bejn l-4 ta' Novembru 2025 u t-13 ta' Novembru 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(8) Wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti stabbilew żoni ristretti ta' mqar 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika tal-qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(9) Il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ppreżentaw informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji rispettivi tagħhom u l-miżuri li ħadu biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI.

(10) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit, u tal-Istati Uniti, jenħtieġ li jiġi sospiż id-dħul fl-Unjoni tal-konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa miż-żoni kkonċernati mit-tifqigħat ġodda f'dawk il-pajjiżi terzi, biex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu d-dati meta ġew ikkonfermati t-tifqigħat. Għalhekk, l-entrati għal dawk il-pajjiżi terzi fit-tabelli stabbiliti fl-Anness V, il-Parti 1, it-Taqsima B u l-Parti 2, u fit-tabella stabbilita fl-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsima B, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(11) Barra minn hekk, il-Kanada u r-Renju Unit pprovdew informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji rispettivi tagħhom fir-rigward tat-tifqigħat preċedenti tal-HPAI li wasslu għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa, kif stabbilit fit-tabella fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness V, u fit-tabella fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness XIV, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(12) Fl-20 ta' Ottubru 2025, il-Kanada ppreżentat informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħadet fir-rigward ta' tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fil-provinċja ta' Quebec, li ġiet ikkonfermata fil-15 ta' Settembru 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(13) Fit-12 ta' Novembru 2025, ir-Renju Unit issottometta informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħa fir-rigward ta' tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fil-kontea ta' Cumbria, fl-Ingilterra, li ġiet ikkonfermata fit-28 ta' Settembru 2025 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(14) Il-Kanada u r-Renju Unit informaw lill-Kummissjoni li, wara dawk it-tifqigħat preċedenti tal-HPAI, implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda, u lestew it-tindif u d-diżinfezzjoni meħtieġa wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettati.

(15) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mill-Kanada u mir-Renju Unit u jidhrilha li taw garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li kienet wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa fl-Unjoni miż-żoni affettwati f'dawk il-pajjiżi terzi, kif stabbilit fit-tabella fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness V, u fit-tabella fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness XIV, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex toħloq theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji minn dawk iż-żoni affettwati tal-Kanada u tar-Renju Unit, li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni. Għalhekk, l-entrati għall-Kanada u għar-Renju Unit f'dawk it-tabelli f'dawk l-Annessi jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(16) Filwaqt li jitqiesu t-tifqigħat il-ġodda tal-HPAI fil-Kanada, fir-Renju Unit, u fl-Istati Uniti, u sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Kanada u mar-Renju Unit, l-emendi li jridu jsiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'mod urġenti.

(17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2025.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.272 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "**CA**<br>Il-Kanada | CA-2.272 | BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20 | N, P1 | | 15.9.2025 | 13.11.2025" |

(ii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.306, CA-2.307 u CA-2.308 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.305:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "**CA**<br>Il-Kanada | CA-2.306 | BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20 | N, P1 | | 6.11.2025 | |
| | CA-2.307 | | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | CA-2.308 | | N, P1 | | 8.11.2025" | |

(iii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.393 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "**GB**<br>Ir-Renju Unit | GB-2.393 | BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20 | N, P1 | | 28.9.2025 | 6.11.2025" |

(iv) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.419 sa GB-2.427 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.418:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "**GB**<br>Ir-Renju Unit | GB-2.419 | BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20 | N, P1 | | 8.11.2025 | |
| | GB-2.420 | | N, P1 | | 9.11.2025 | |
| | GB-2.421 | | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | GB-2.422 | | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | GB-2.423 | | N, P1 | | 13.11.2025 | |
| | GB-2.424 | | N, P1 | | 14.11.2025 | |
| | GB-2.425 | | N, P1 | | 14.11.2025 | |
| | GB-2.426 | | N, P1 | | 18.11.2025 | |
| | GB-2.427 | | N, P1 | | 19.11.2025" | |

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.1113 sa US-2.1135 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.1112:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "**US**<br>L-Istati Uniti | US-2.1113 | BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20 | N, P1 | | 6.11.2025 | |
| | US-2.1114 | | N, P1 | | 10.11.2025 | |
| | US-2.1115 | | N, P1 | | 4.11.2025 | |
| | US-2.1116 | | N, P1 | | 5.11.2025 | |
| | US-2.1117 | | N, P1 | | 5.11.2025 | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | US-2.1118 | | N, P1 | | 5.11.2025 | |
| | US-2.1119 | | N, P1 | | 6.11.2025 | |
| | US-2.1120 | | N, P1 | | 6.11.2025 | |
| | US-2.1121 | | N, P1 | | 7.11.2025 | |
| | US-2.1122 | | N, P1 | | 7.11.2025 | |
| | US-2.1123 | | N, P1 | | 7.11.2025 | |
| | US-2.1124 | | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1125 | | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1126 | | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1127 | | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1128 | | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1129 | | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1130 | | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1131 | | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1132 | | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1133 | | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1134 | | N, P1 | | 13.11.2025 | |
| | US-2.1135 | | N, P1 | | 13.11.2025” | |

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni CA-2.306, CA-2.307 u CA-2.308 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.305:

| | | |
|---|---|---|
| “Il-Kanada | CA-2.306 | Alberta — Latitudni 52.79, Lonġitudni -113.84<br>Il-muniċipalitajiet involuti huma:<br>3 km PZ: Blackfalds, Crestomere u Ponoka<br>10 km SZ: Blackfalds, Crestomere, Falun, Ponoka, Rimbey, u Westerose, Wetaskiwin |
| | CA-2.307 | Saskatchewan — Latitudni 52.31, Lonġitudni -106.66<br>Il-muniċipalitajiet involuti huma:<br>3 km PZ: Il-park ta’ Corman, Martensville, u Saskatoon<br>10 km SZ: Il-park ta’ Corman, Dalmeny, Martensville, Saskatoon u Warman |
| | CA-2.308 | British Columbia - Latitudni 49.17, Lonġitudni –123.09<br>Iż-Żona ta’ Reġjonalizzazzjoni Nru 1 ta’ Fraser Valley.<br>Il-muniċipalitajiet involuti huma: Burnaby, Delta, New Westminster, Richmond, Tsawwassen, u Vancouver” |

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni GB-2.419 sa GB-2.427 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.418:

| | | |
|---|---|---|
| “Ir-Renju Unit | GB-2.419 | qrib il-baħar, l-Għoljiet ta’ Malvern, Worcestershire, l-Ingilterra, GB iż-żona li tinsab f’ċirku b’raġġ ta’ 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N52.26 u Lonġ: W2.27 |

| | | |
|---|---|---|
| | GB-2.420 | qrib Welshpool, Powys, Wales, GB<br>iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N52.62 u Lonġ: W3.13 |
| | GB-2.421 | qrib Lanark, South Lanarkshire, l-Iskozja, GB<br>iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N55.70 u Lonġ: W3.73 |
| | GB-2.422 | qrib Woodbridge, East Suffolk, Suffolk, l-Ingilterra, GB<br>iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N52.13 u Lonġ: E1.28 |
| | GB-2.423 | qrib Poringland, South Norfolk, Norfolk, l-Ingilterra, GB<br>iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N52.56 u Lonġ: E1.33 |
| | GB-2.424 | qrib Swaffham, Breckland, Norfolk, l-Ingilterra, GB<br>iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N52.63 u Lonġ: E0.73 |
| | GB-2.425 | qrib Thorne, Doncaster, South Yorkshire, l-Ingilterra, GB<br>iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N53.62 u Lonġ: W1.00 |
| | GB-2.426 | qrib Milford Haven, Pembrokeshire, Wales, ir-Renju Unit<br>iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N51.73 u Lonġ: W5.05 |
| | GB-2.427 | qrib Lawshall, Babergh, Suffolk, l-Ingilterra, GB<br>iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N52.16 u Lonġ: E0.72" |

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.1113 sa US-2.1135 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.1112:

| | | |
|---|---|---|
| "L-Istati Uniti | US-2.1113 | L-Istat ta' Washington<br>Snohomish 11<br>Kontea ta' Snohomish: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 122.2351048°W 48.0447061° N) |
| | US-2.1114 | L-Istat ta' Michigan<br>Allegan 02<br>Il-Kontea ta' Allegan: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.8098667°W 42.8288478°N) |
| | US-2.1115 | L-Istat ta' Indiana<br>Elkhart 10<br>Il-Kontea ta' Elkhart: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.6693425°W 41.6801002°N) |
| | US-2.1116 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 08<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.5457122°W 41.6703465° N) |

| | | |
|---|---|---|
| | US-2.1117 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 10<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.6395624°W 41.6355876°N) |
| | US-2.1118 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 09<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.5859983°W 41.6544713°N) |
| | US-2.1119 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 11<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.5942467°W 41.6663620°N) |
| | US-2.1120 | L-Istat ta' Indiana<br>Elkhart 11<br>Il-Kontea ta' Elkhart: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.6878214°W 41.6571826°N) |
| | US-2.1121 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 12<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.5882007°W 41.6567615°N) |
| | US-2.1122 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 13<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.6394799°W 41.6472074°N) |
| | US-2.1123 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 14<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.5648278°W 41.6678387°N) |
| | US-2.1124 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 15<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.6041250°W 41.6397435°N) |
| | US-2.1125 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 16<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.5952827°W 41.6436425°N) |
| | US-2.1126 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 18<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.6393783°W 41.6548373°N) |
| | US-2.1127 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 19<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.4707331°W 41.6740780°N) |
| | US-2.1128 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 20<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.4331026°W 41.6798436°N) |

| | | |
|---|---|---|
| | US-2.1129 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 21<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.4624138°W 41.6664071°N) |
| | US-2.1130 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 22<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.5952374°W 41.6696621°N) |
| | US-2.1131 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 24<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.6052061°W 41.6416636°N) |
| | US-2.1132 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 25<br>Il-Kontea ta' LaGrange: żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 85.6220656°W 41.6546453°N) |
| | US-2.1133 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 26<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.4836603°W 41.6235302°N) |
| | US-2.1134 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 17<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.6404326°W 41.6401376°N) |
| | US-2.1135 | L-Istat ta' Indiana<br>LaGrange 23<br>Il-Kontea ta' LaGrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.5208141°W 41.6973233°N)" |

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.272 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "**CA**<br>Il-Kanada | CA-2.272 | POU, RAT | N, P1 | | 15.9.2025 | 13.11.2025 |
| | | GBM | P1 | | 15.9.2025 | 13.11.2025" |

(b) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.306, CA-2.307 u CA-2.308 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.305:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "**CA**<br>Il-Kanada | CA-2.306 | POU, RAT | N, P1 | | 6.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 6.11.2025 | |
| | CA-2.307 | POU, RAT | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 12.11.2025 | |
| | CA-2.308 | POU, RAT | N, P1 | | 8.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 8.11.2025" | |

(c) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.393 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "**GB**<br>Ir-Renju Unit | GB-2.393 | POU, RAT | N, P1 | | 28.9.2025 | 6.11.2025 |
| | | GBM | P1 | | 28.9.2025 | 6.11.2025" |

(d) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.419 sa GB-2.427 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.418:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "**GB**<br>Ir-Renju Unit | GB-2.419 | POU, RAT | N, P1 | | 8.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 8.11.2025 | |
| | GB-2.420 | POU, RAT | N, P1 | | 9.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 9.11.2025 | |
| | GB-2.421 | POU, RAT | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 12.11.2025 | |
| | GB-2.422 | POU, RAT | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 12.11.2025 | |
| | GB-2.423 | POU, RAT | N, P1 | | 13.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 13.11.2025 | |
| | GB-2.424 | POU, RAT | N, P1 | | 14.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 14.11.2025 | |
| | GB-2.425 | POU, RAT | N, P1 | | 14.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 14.11.2025 | |
| | GB-2.426 | POU, RAT | N, P1 | | 18.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 18.11.2025 | |
| | GB-2.427 | POU, RAT | N, P1 | | 19.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 19.11.2025" | |

(e) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.1113 sa US-2.1135 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.1112:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "**US**<br>L-Istati Uniti | US-2.1113 | POU, RAT | N, P1 | | 6.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 6.11.2025 | |
| | US-2.1114 | POU, RAT | N, P1 | | 10.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 10.11.2025 | |
| | US-2.1115 | POU, RAT | N, P1 | | 4.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 4.11.2025 | |
| | US-2.1116 | POU, RAT | N, P1 | | 5.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 5.11.2025 | |
| | US-2.1117 | POU, RAT | N, P1 | | 5.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 5.11.2025 | |
| | US-2.1118 | POU, RAT | N, P1 | | 5.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 5.11.2025 | |
| | US-2.1119 | POU, RAT | N, P1 | | 6.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 6.11.2025 | |
| | US-2.1120 | POU, RAT | N, P1 | | 6.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 6.11.2025 | |
| | US-2.1121 | POU, RAT | N, P1 | | 7.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 7.11.2025 | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | US-2.1122 | POU, RAT | N, P1 | | 7.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 7.11.2025 | |
| | US-2.1123 | POU, RAT | N, P1 | | 7.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 7.11.2025 | |
| | US-2.1124 | POU, RAT | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1125 | POU, RAT | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1126 | POU, RAT | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1127 | POU, RAT | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1128 | POU, RAT | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1129 | POU, RAT | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1130 | POU, RAT | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1131 | POU, RAT | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1132 | POU, RAT | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1133 | POU, RAT | N, P1 | | 12.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 12.11.2025 | |
| | US-2.1134 | POU, RAT | N, P1 | | 13.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 13.11.2025 | |
| | US-2.1135 | POU, RAT | N, P1 | | 13.11.2025 | |
| | | GBM | P1 | | 13.11.2025” | |